



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15971/23

SAN 699
SOC 823
EMPL 590
RECH 529
JEUN 275
EDUC 463
CULT 170
DIGIT 279
ENV 1378
ECOFIN 1280
FIN 1240

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 15053/23

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill EPSCO (Saħħa) fil-laqgħa tiegħu li saret fit-30 ta' Novembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali

Introduzzjoni

Qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-problemi tas-saħħa mentali diġà kienu jaffettwaw madwar 84 miljun persuna fl-UE, jiġifieri wieħed minn kull sitt ċittadini, bi spiża ta' EUR 600 biljun jew 4% tal-PDG¹.

Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), fl-ewwel sena tal-pandemija tal-COVID-19, il-prevalenza globali tal-ansjetà u d-dipressjoni żdiedet b'25%. Il-pandemija affettwat b'mod partikolari s-saħħa mentali taż-żgħażaġh. Barra minn hekk, in-nisa ntlaqtu b'mod aktar sever mill-irġiel u kien hemm probabbiltà akbar li persuni b'mard mhux komunikabbli jiżviluppaw sintomi ta' disturbi mentali.

Sfidi oħra bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi klimatika, iż-żieda fir-rati tal-qgħad u ż-żieda fl-ġholi tal-ħajja, kif ukoll il-persjonijiet tal-qasam diġitali u tal-media soċjali, komplew jaggravaw livelli diġà baxxi ta' saħħa mentali, speċjalment għat-tfal u ż-żgħażaġh, kif ukoll persuni bi problemi ta' saħħa mentali.

It-titjib tas-saħħa mentali huwa essenzjali għall-individwu, is-soċjetà u l-ekonomija. Skont l-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea², kulħadd għandu d-dritt għal aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u d-dritt li jibbenefika minn trattament mediku bil-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet u l-prattiki nazzjonali. Fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni, għandu jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.

¹ OECD/Unjoni Ewropea (2018), Health at a Glance: Europe 2018: State of Health in the EU Cycle, OECD Publishing, Pariġi/Unjoni Ewropea, Brussell, https://doi.org/10.1787/health_glance_eur-2018-en

² Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2000/C 364/01), Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.: https://www.europarl.europa.eu/charter/pdf/text_en.pdf

F'Ġunju 2023 il-Kummissjoni adottat il-"Komunikazzjoni dwar Approċċ Komprensiv lejn is-Saħħa Mentali" biex tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-saħħa mentali fl-UE. Il-komunikazzjoni tindika tliet prinċipji gwida li għandhom japplikaw għal kull ċittadin: i) aċċess għal prevenzjoni adegwata u effettiva, ii) aċċess għal kura u trattament tas-saħħa mentali ta' kwalità għolja u affordabbli u iii) riintegrazzjoni fis-soċjetà wara l-fejqa³.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-azzjonijiet li qed jiġu żviluppati mill-Istati Membri jipprovdu bażi għal approċċ ġdid għas-saħħa mentali li huwa komprensiv, jippromwovi u jħares il-benesseri u huwa msejjes fuq il-prevenzjoni, kif ukoll orjentat lejn id-diversi partijiet ikkonċernati.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-Kostituzzjoni tad-WHO, li tiddikjara li s-saħħa hija stat ta' benesseri fiżiku, mentali u soċjali sħiħ u mhux biss in-nuqqas ta' mard jew infermità u li t-tgawdija tal-ogħla standard ta' saħħa li jista' jinkiseb hija wieħed mid-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem.
2. FILWAQT LI JAGĦRAF li s-saħħa mentali hija stat ta' benesseri mentali li jippermetti li n-nies ikunu jifilħu sew għall-istress tal-ħajja, ikunu jistgħu jirrealizzaw il-kapaċitajiet tagħhom, jitgħallmu sew u jaħdmu sew, u jikkontribwixxu għall-komunità tagħhom⁴.
3. FILWAQT LI JQIS li kull persuna, mingħajr diskriminazzjoni, għandu jkollha aċċess għal servizzi essenzjali tal-kura tas-saħħa ta' kwalità, bħala parti mill-kopertura universali tas-saħħa, u kif rikonoxxut mill-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 3 tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030⁵.

³ COM(2023) 298. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali.

⁴ Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Dokumenti Informattivi tad-WHO, "Mental health: strengthening our response", 2022.

⁵ Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Għan Nru 3: Tiġi żgurata ħajja f'saħħitha u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età:
<https://www.un.org/sustainabledevelopment/health/>

4. FILWAQT LI JQIS li kull persuna, inkluż it-tfal u ż-żgħażaġh, għandu jkollha l-opportunità li tikber u tgħix f'kundizzjonijiet u ambjenti li jippromwovu u jappoġġaw is-saħħa mentali tagħha.
5. FILWAQT LI JAGĦRAF ir-rwol vitali tal-familji fit-trawwim tal-benesseri mentali tat-tfal u r-rikonoxximent li t-tfal li jesperjenzaw l-istituzzjonalizzazzjoni jew li jkunu mingħajr dar ġew assoċjati ma' aktar problemi ta' saħħa mentali.
6. FILWAQT LI JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Approċċ Komprensiv lejn is-Saħħa Mentali*, adottata fis-7 ta' Ġunju 2023, kif ukoll l-opportunitajiet ta' finanzjament tagħha ta' aktar minn EUR 1.2 biljun u 20 inizjattiva ewlenija li għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati fit-titjib sostanzjali tas-saħħa mentali taċ-ċittadini.
7. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rilevanza tat-titjib tal-kwalità tal-ħajja ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali, u tal-familji u l-indoktruri (in)formali tagħhom, b'enfasi partikolari fuq l-indirizzar tal-istigma u tad-diskriminazzjoni kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Approċċ Komprensiv lejn is-Saħħa Mentali*.
8. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2022 dwar is-saħħa mentali fid-dinja diġitali tax-xogħol⁶.
9. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħħa Mentali u x-Xogħol Prekarju, li jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn is-saħħa mentali u x-xogħol prekarju⁷.
10. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI d-deterjorament sinifikanti tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni, minħabba l-pandemija tal-COVID-19⁸.

⁶ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2022 dwar is-saħħa mentali fl-UE fl-era diġitali (ĠU C 47, 7.2.2023, p. 63).

⁷ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13937-2023-INIT/mt/pdf>

⁸ OECD (2021), "Tackling the mental health impact of the COVID-19 crisis: An integrated, whole-of-society response", OECD Policy Responses to Coronavirus (COVID-19), OECD Publishing, Parigi, <https://doi.org/10.1787/0ccafa0b-en>

11. FILWAQT LI JAGĦRAF li s-solitudni tista' taffettwa s-saħħa mentali b'mod qawwi. Fl-UE, is-solitudni żdiedet bejn 22% u 26% fir-reġjuni kollha, b'riżultat tal-pandemija⁹.
12. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-*Rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa*¹⁰, li appella għat-titjib tal-fehim tal-problemi tas-saħħa mentali u għas-sejbien ta' modi kif jiġu indirizzati, inkluż l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-saħħa mentali li jipprovdi Strateġija fit-tul għas-Saħħa Mentali fl-UE, inkluż aspetti bħar-riċerka, l-indirizzar tal-kwistjoni tad-disponibbiltà ta' professjonisti, popolazzjonijiet speċifiċi bħat-tfal u ż-żgħażaġh u l-istabbiliment fil-futur qarib ta' sena Ewropea ddedikata għas-saħħa mentali.
13. FILWAQT LI JIEĦU NOTA ta' *OECD Recommendation of the Council on Integrated Mental Health, Skills and Work Policy* (ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD tal-Kunsill dwar Politika Integrata fir-rigward tas-Saħħa Mentali, il-Ħiliet u x-Xogħol), li tagħti pariri għal prinċipji ta' politika fis-sistemi tas-saħħa, fis-sistemi tal-edukazzjoni u taż-żgħażaġh, fil-postijiet tax-xogħol, u fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, bħala l-qalba ta' approċċ li jqis is-saħħa mentali fil-politiki kollha li jagħti kontribut biex titkisser il-kompartimentalizzazzjoni fil-politika dwar is-saħħa mentali¹¹.
14. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-rapport "*Health at a Glance Europe 2022*" li jikkonkludi li wieħed minn kull żewġ żgħażaġh Ewropej ta' bejn it-18 u d-29 sena jirrapporta ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura tas-saħħa mentali, li s-sintomi ta' ansjetà u dipressjoni fost iż-żgħażaġh żdiedu b'aktar mid-doppju f'diversi pajjiżi Ewropej matul il-pandemija u li hemm żieda allarmanti fir-rati rrapportati ta' ideazzjoni suwiċidali (ħsibijiet suwiċidali)¹².

⁹ Baarck, J., Balahur, A., Cassio, L., d'Hombres, B., Pásztor, Z., Tintori, G., Loneliness in the EU – Insights from surveys and online media data, EUR 30765 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021, ISBN 978-92-76-40246-6, doi:10.2760/28343, JRC125873

¹⁰ Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Rapport dwar l-Eżitu Finali. Mejju 2022. Disponibbli fi: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/new-push-european-democracy/conference-future-europe_mt

¹¹ OECD Recommendation of the Council on Integrated Mental Health, Skills and Work Policy, OECD/LEGAL/0420 (2022)

¹² OECD/Unjoni Ewropea (2022), Health at a Glance: Europe 2022: State of Health in the EU Cycle, OECD Publishing, Pariġi, <https://doi.org/10.1787/507433b0-en>

15. FILWAQT LI JIRRIKONOXI l-effetti tal-kriżi u l-emerġenza tas-saħħa li għaddejjin bħalissa, inkluż il-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna u l-pajjiżi ospitanti li qed jilqgħu lir-refuġjati, li jwasslu għal deterjorament tas-saħħa mentali u tas-saħħa psikosoċjali¹³ u l-ħtieġa għal rispons umanitarju u assistenza fl-appoġġ psikosoċjali, inkluż vjolenza sesswali u forom oħra ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru.
16. FILWAQT LI JIRRIKONOXI l-ħtieġa għal trasferiment effettiv tal-provvediment ta' servizzi tas-saħħa mentali minn servizzi ċċentrati fl-isptarjiet għal servizzi komprensivi u integrati tas-saħħa mentali u tal-kura soċjali f'ambjenti bbażati fil-komunità¹⁴.
17. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li d-determinanti soċjali, ekonomiċi u ambjentali bħad-diżastri naturali għandhom impatt negattiv fuq is-saħħa mentali u jżidu l-ħtieġa għal appoġġ psikosoċjali.
18. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar l-Ekonomija tal-Benesseri, li jistiednu lill-Kummissjoni tippromovi Strateġija dwar is-Saħħa Mentali għall-Unjoni¹⁵.
19. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li hemm nuqqas stmat ta' ħaddiema tas-saħħa fl-UE u li xi Stati Membri qed iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas ta' professjonisti tas-saħħa mentali filwaqt li l-investiment fis-saħħa jeħtieġ ukoll investiment fil-forza tax-xogħol tas-saħħa.
20. FILWAQT LI JILQA' l-pjan dettaljat (sett ta' għodod) għal approċċ multidixxiplinari għall-bini tal-kapaċità tas-saħħa mentali, li l-Kummissjoni qed tippjana li tniedi fl-2024, u li jirrifletti dwar din il-kwistjoni.

¹³ Assemblea Dinjija tas-Saħħa, 75. (2022). Il-ħamsa u sebgħin Assemblea Dinjija tas-Saħħa: Ġinevra, 22-28 ta' Mejju 2022: riżoluzzjonijiet u deċiżjonijiet, annessi. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. <https://apps.who.int/iris/handle/10665/365610>. Riżoluzzjoni WHA 75.11.

¹⁴ Pjan ta' azzjoni komprensiv għas-saħħa mentali 2013–2030. Ġinevra: Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa; 2021. Liċenzja:CC BY-NC-SA 3.0 IGO.

¹⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ekonomija tal-benesseri: <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13432-2019-INIT/mt/pdf>

21. FILWAQT LI JILQA' l-progress li sar min-NU fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) li tenfasizza li d-diskriminazzjoni kontra persuni fuq il-bażi ta' diżabilitajiet fiżiċi jew mentali hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem bażiċi tagħhom, kif ukoll il-progress li sar mid-WHO, pereżempju permezz tal-inizjattiva "QualityRights", li tipproponi għodod għall-valutazzjoni tar-rispett tad-drittijiet fis-servizzi tas-saħħa mentali u għodod ta' taħriġ, pereżempju t-taħriġ elettroniku dwar is-Saħħa Mentali, il-Fejqa u l-Inklużjoni fil-Komunità, li għandu l-għan li jiġġielel kontra l-istigma.
22. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv għas-Saħħa Mentali 2023-2030 tad-WHO u l-oġettiv numru 2 tiegħu li jistabbilixxi l-ħtieġa li jiġu pprovduti servizzi tas-saħħa mentali u tal-kura soċjali komprensivi, integrati u reattivi f'ambjenti bbażati fil-komunità.
23. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-qafas Ewropew tad-WHO għal azzjoni dwar is-saħħa mentali 2021-2025 li juri li huwa stmat li ntilfu 1 19 000 ħajja madwar ir-Reġjun Ewropew fl-2019 minħabba s-suwiċidju, li huwa t-tieni l-aktar kawża ta' mewt komuni fost iż-żgħażaġh (15-29 sena)¹⁶.
24. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-problemi tas-saħħa mentali huma assoċjati ma' bosta forom ta' inugwaljanzi, bħal, pereżempju, persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, minoranzi, gruppi emarġinati u dawk f'sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi żvantaġġati inkluż dawk li jgħixu f'servizzi ta' kura fit-tul, dawk li jesperjenzaw solitudni u iżolament soċjali, it-tfal u ż-żgħażaġh, l-anzjani, in-nisa, il-persuni LGBTI¹⁷, il-pazjenti bil-kanċer, il-persuni b'diżabilità, ir-refuġjati, il-migranti, il-priġunieri u l-persuni mingħajr dar. Filwaqt li jirrikonoxxi wkoll li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU huma vitali biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa mentali.

¹⁶ WHO European framework for action on mental health 2021–2025. Copenhagen: Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa; 2022. Liċenzja: CC BY-NC-SA 3.0 IGO.

<https://www.who.int/europe/publications/i/item/9789289057813>

¹⁷ Ara l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020) 698 final)

25. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li l-problemi tas-saħħa mentali huma relatati mad-determinanti tas-saħħa (bħall-aċċess għall-kura tas-saħħa, fatturi bijoloġiċi u psikoloġiċi, in-nutrizzjoni u l-attività fiżika, il-konsum tal-alkoħol, it-tabakk u d-drogi illeċiti), kif ukoll mad-determinanti ambjentali, tal-ippjanar urban, klimatiċi, soċjali, kulturali, ekonomiċi u kummerċjali.
26. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li t-tisħiħ tal-fatturi protettivi, bħal sport u eżerċizzju fiżiku regolari kif ukoll parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali, jista' jagħti spinta lis-saħħa mentali u l-benesseri ġenerali tan-nies u jnaqqas ir-riskju ta' kundizzjonijiet tas-saħħa mentali;¹⁸
27. FILWAQT LI JIRRIKONOXI l-Opinjoni Esploratorja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew mill-2023 dwar "Miżuri għat-titjib tas-saħħa mentali" li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi tas-saħħa mentali ċċentrat fuq il-persuna li jawtonomizzaw lill-individwi¹⁹.
28. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li s-saħħa mentali u s-saħħa fiżika huma marbutin b'mod fundamentali u li l-persuni li jgħixu bi problema serja ta' saħħa mentali huma f'riskju ogħla li jesperjenzaw firxa wiesgħa ta' kundizzjonijiet fiżiċi kroniċi u għandhom stennija tal-għomor li hija minn 10 sa 20 sena inqas mill-popolazzjoni ġenerali²⁰.
29. FILWAQT LI JENFASIZZA L-IMPORTANZA TAL-IMPLIMENTAZZJONI tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-ħarsien ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali.
30. FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza li jkun hemm segwitu għar-rakkomandazzjonijiet deskritti fir-Rakkomandazzjoni Rec (2004) 10 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità ta' persuni b'disturbi mentali²¹.

¹⁸ CultureForHealth report. Culture's contribution to health and well-being: a report on evidence and policy recommendations for Europe. Final_C4H_FullReport_small.pdf (cultureforhealth.eu)

¹⁹ SOC/760-EESC-2023

²⁰ WHO Guidelines for the management of physical health conditions in adults with severe mental disorders. Ġinevra: Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa; 2018. Liċenzja: CC BY-NC-SA 3.0 IGO. <https://iris.who.int/bitstream/handle/10665/275718/9789241550383-eng.pdf>

²¹

[https://www.coe.int/t/dg3/healthbioethic/Activities/08_Psychiatry_and_human_rights_en/Rec\(2004\)10%20EM%20E.pdf](https://www.coe.int/t/dg3/healthbioethic/Activities/08_Psychiatry_and_human_rights_en/Rec(2004)10%20EM%20E.pdf)

31. FILWAQT LI JIPPROMWOVI evalwazzjoni bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem tas-servizzi tas-saħħa mentali bl-użu, fost affarijiet oħra, tas-sett ta' għodod tad-drittijiet ta' kwalità tad-WHO.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:

- a) Jagħtu prijorità lill-politiki u s-servizzi integrati li jindirizzaw is-saħħa u l-benesseri mentali u JIKKUNSIDRAW IT-TFASSIL ta' pjanijiet ta' azzjoni jew strateġiji biex jiġu indirizzati l-aktar kwistjonijiet urġenti u prevalenti, bħal:
1. L-implimentazzjoni ta' approċċ għas-saħħa mentali li jqis is-saħħa mentali fil-politiki kollha li jmur lil hinn mis-saħħa u jinkludi kwistjonijiet f'setturi ewlenin oħra bħala fatturi rilevanti, bħall-impjiegi, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni (inkluż l-effetti tal-Intelliġenza Artifiċjali), il-protezzjoni soċjali, is-sigurtà finanzjarja, ir-riċerka, l-akkomodazzjoni, l-ippjanar urban, l-aċċess għall-kultura, il-media u l-komunikazzjoni, l-ambjent u l-klima;
 2. Ir-rikonoxximent tad-determinanti soċjali, ambjentali u ekonomiċi tas-saħħa mentali;
 3. It-titjib tal-edukazzjoni dwar il-litteriżmu fis-saħħa mentali minn età żgħira kif ukoll għall-ġenituri, b'mod partikolari bl-użu tal-Kodiċi Ewropew dwar is-Saħħa Mentali²² li għandu jiġi żviluppat mill-2024 'il quddiem;
 4. Il-promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri mentali f'kuntesti differenti matul il-ħajja b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-fatturi protettivi għal saħħa mentali tajba u għar-reżiljenza tas-saħħa mentali bħall-parteċipazzjoni fl-isport u l-kultura;
 5. Il-prevenzjoni ta' problemi mentali (inkluż il-prevenzjoni tas-suwiċidju, tal-ħsara li persuni jagħmlu lilhom infushom u tad-dipressjoni) f'kuntesti differenti bħall-iskejjel, il-postijiet tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, il-kwartieri lokali, il-komunitajiet, inkluż taħlita ta' interventi preventivi u miżuri ta' politika universali, selettivi u indikati;

²² [Sejħa tal-HaDEA](#) biex il-partijiet ikkonċernati jistabbilixxu Kodiċi għas-Saħħa Mentali: [Finanzjament u offerti \(europa.eu\)](#)

6. It-titjib tas-sistemi u s-servizzi tas-saħħa mentali biex ikunu reattivi għall-ħtiġijiet espressi minn persuni li jkunu qed jesperjenzaw problemi ta' saħħa mentali, lejn kopertura universali tal-kura tas-saħħa ta' kwalità;
7. It-titjib tal-aċċess f'waqtu u ekwu għal kura tas-saħħa mentali effettiva u sikura, u tal-koordinazzjoni tagħha, il-promozzjoni ta' dijanjożi bikrija u kura integrata permezz ta' servizzi tas-saħħa mentali bbażati fil-komunità u orjentati lejn il-fejqan;
8. Il-promozzjoni ta' Prattika bbażata fuq l-evidenza fil-kura u s-servizzi tas-saħħa mentali u trattament ibbażat fuq il-linji gwida inkluż il-prevenzjoni tal-użu tal-polifarmacija, kull meta jkun possibbli;
9. Il-promozzjoni tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-kura ta' individwi b'imġiba suwiċidali u l-konsegwenzi tagħha;
10. L-iżvilupp ta' azzjonijiet biex tiġi indirizzata s-solitudni fil-popolazzjonijiet ġenerali, b'enfasi fuq gruppi f'riskju għas-solitudni;
11. L-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u dik nazzjonali biex jiġu ggarantiti s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol u l-promozzjoni tas-saħħa mentali, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali u t-tisħiħ tar-riżorsi għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol;
12. Il-promozzjoni ta' azzjonijiet biex tinżamm jew tissaħħaħ is-saħħa mentali tal-professjonisti tas-saħħa;
13. Il-promozzjoni tas-saħħa mentali, l-iżvilupp ta' ħiliet ta' tagħlim soċjali u emozzjonali, l-identifikazzjoni bikrija u l-iskrinjar f'ambjenti edukattivi biex tiġi appoġġata, ġestita u promossa s-saħħa mentali tat-tfal u ż-żgħażaġh;
14. Il-promozzjoni tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa mentali speċjalizzati għat-tfal li jmorru l-iskola;
15. L-appoġġ għall-iżvilupp u l-istabbiliment ta' forza tax-xogħol interdixxiplinari fil-qasam tas-saħħa mentali, bl-integrazzjoni tad-dixxiplini ewlenin kollha biex jiġi pprovdut approċċ olistiku għall-promozzjoni, il-prevenzjoni, it-trattament u l-kura;

16. Il-ġbir regolari ta' data u informazzjoni reċenti u komparabbli biex jiġi mmonitorjat il-progress u biex jiġu ggwidati l-investimenti f'oqsma fejn huwa meħtieġ progress permezz ta' koordinazzjoni internazzjonali;
17. It-tisħiħ ta' azzjonijiet biex il-persuni jiġu integrati mill-ġdid fis-soċjetà, fil-forza tax-xogħol u fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-politiki dwar is-saħħa mentali u biex jiġu evitati kemm jista' jkun rikaduti possibbli wara d-deistituzzjonalizzazzjoni jew ir-riintegrazzjoni;
18. Il-kunsiderazzjoni ta' tim multidixxiplinari ddedikat f'kull Stat Membru biex jiżgura li s-saħħa mentali titqies fil-politiki kollha biex ikun hemm segwitu għall-implimentazzjoni tal-politiki dwar is-saħħa mentali permezz ta' indikaturi.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

- a) TAPPOĠĠA l-politiki tal-Istati Membri dwar is-saħħa mentali billi tkompli tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar Approċċ Komprensiv lejn is-saħħa mentali u l-20 inizjattiva ewlenija tagħha;
- b) TIPPREŻENTA dokument ta' ħarsa ġenerali dwar l-inizjattivi ewlenin ippreżentati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Approċċ Komprensiv lejn is-Saħħa Mentali li jkun jinkludi wkoll skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' kull inizjattiva ewlenija u l-baġit finanzjarju allokat;
- c) Issaħħaħ is-saħħa mentali fil-politiki kollha billi tiżgura sinerġiji fi ħdan il-Kummissjoni kif ukoll billi tikkoordina ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti dwar azzjonijiet, għodod u finanzjament relatati mas-saħħa mentali;
- d) TIMMONITORJA u TANALIZZA l-effettività u r-riżultati tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi ewlenin kif definiti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni meta mqabbla mal-indikaturi maqbula internazzjonalment mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-miri tad-WHO mill-qrib mal-Istati Membri permezz tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa Pubblika u b'mod partikolari s-sottogrupp tiegħu dwar is-saħħa mentali;

- e) Tinkoraġġixxi l-fehim ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali, toħloq għarfien u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Approċċ Komprensiv lejn is-Saħħa Mentali;
- f) Tappoġġa lill-Istati Membri u tikkoordina azzjonijiet permezz tal-Programm l-UE għas-Saħħa, kif ukoll inizzjattivi oħra, bħall-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa Pubblika, inkluż is-sottogrupp tiegħu dwar is-saħħa mentali;
- g) tagħti ATTENZJONI PARTIKOLARI lil gruppi vulnerabbli u soċjoekonomikament żvantaġġati;
- h) Tippromwovi aħjar u tagħmel viżibbli l-possibbiltajiet differenti ta' finanzjament tal-UE għal azzjonijiet speċifiċi fil-qasam tas-saħħa mentali, b'kunsiderazzjoni xierqa għat-tqabbil ta' dawn il-possibbiltajiet mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-Istati Membri;
- i) TIPFROMWOVI inizzjattivi biex tiġi appoġġata s-saħħa mentali u kampanji ta' komunikazzjoni fl-UE permezz ta' sena Ewropea tas-saħħa mentali, li għandha ssir mhux aktar tard mill-2029;
- j) TIMPLIMENTA t-taħriġ multidixxiplinari u l-programmi ta' skambju għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali u professjonisti oħrajn li jiltaqgħu ma' persuni f'sitwazzjonijiet differenti (pereżempju professjonisti li jaħdmu fl-iskejjel, kura matul il-jum, ħarrieġa, negozji tas-sigurtà) sabiex jiġu appoġġati u promossi l-ħiliet tas-saħħa mentali tagħhom u l-kwalità tal-kura, kif ukoll biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-saħħa mentali tagħhom.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI:

- a) IKOMPLU jimxu lejn approċċ komprensiv għas-saħħa mentali fl-2024 u wara;
- b) JINKORAĠĠIXXU t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u rakkomandazzjonijiet fil-forma ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE bbażat fuq il-promozzjoni tal-benesseri għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni fl-ispettru kollu tal-età, il-prevenzjoni ta' problemi ta' saħħa mentali u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-saħħa mentali. Barra minn hekk, l-azzjonijiet għandhom jiffukaw fuq it-titjib tal-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-kura għal persuni bi problemi ta' saħħa mentali bl-għan aħħari li jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni;
- c) JIPROMWOVU approċċ komprensiv għas-saħħa mentali u l-kollaborazzjoni transsettorjali sabiex jittejbu perspettivi ta' politika mifruxa u fit-tul u jingħataw rakkomandazzjonijiet ta' politika bilanċjati;
- d) Jiffukaw fuq it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa mentali li jeżistu bejn u fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll bejn il-gruppi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, u jippromwovu l-ugwaljanza u l-għieda kontra d-diskriminazzjoni bħala għodda għall-prevenzjoni, b'attenzjoni speċjali għal dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u emarġinati;
- e) Jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni permezz tal-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki fil-qasam tas-saħħa mentali b'mod partikolari fi ħdan il-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa Pubblika;
- f) IKOMPLU l-kooperazzjoni fl-iskambju tal-esperjenza u l-integrazzjoni tas-saħħa mentali fil-politiki kollha permezz ta' strutturi eżistenti li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tas-soċjetà, inkluż is-settur pubbliku, dak mhux governattiv/tas-soċjetà ċivili, u dak privat;
- g) JIĠĠIELDU KONTRA l-istigma tas-saħħa mentali billi jiżviluppaw gwida tal-UE dwar it-tkissir tal-istigma u d-diskriminazzjoni inkluż l-għarfien dwar il-problemi tas-saħħa mentali fl-oqsma kollha tas-soċjetà;

- h) IŻIDU l-isforzi komuni biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda, kwalunkwe forma ta' vjolenza, b'mod partikolari l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u s-suwiċidji;
 - i) JIRRIKONNOXXU u JIPPROMWOVU l-parteċipazzjoni attiva ta' persuni b'esperjenza tal-ħajja (utenti tas-servizzi, dawk li jieħdu ħsieb il-familja, eċċ.) u JINTEGRAW għarfien eżistenti u ġdid f'taħriġ multidixxiplinari, riformi tas-saħħa mentali, fir-riċerka u fl-iżvilupp tal-politika;
 - j) JIFFAĊILITAW l-eżerċizzju tad-drittijiet fl-organizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa mentali.
-